



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Novembru 2021
(OR. en)

14307/21

ESPACE 116
MARE 32
RECH 537
COMPET 864
MI 888
IND 366
ENV 929
EU-GNSS 48
TRANS 703
TELECOM 432
ENER 529
EMPL 516
CSDP/PSDC 607
CFSP/PESC 1141

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 26 ta' Novembru 2021

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13843/21

Suġġett: L-ispazju għal kulħadd
- konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fis-26/11/2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar L-ispazju għal kulħadd, adottati mill-Kunsill fit-3830 laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Novembru 2021.

konklużjonijiet tal-Kunsill dwar L-ispazju għal kulħadd

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR

- A. Fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jistabbilixxi kompetenza tal-UE fil-qasam tal-Ispazju¹;
- B. fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Strateġija Spazjali għall-Ewropa" tat-30 ta' Mejju 2017², li jħeġġu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu mal-atturi rilevanti biex jiffaċilitaw l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet spazjali, opportunitajiet ta' negozju, attivitajiet ta' komunikazzjoni kif ukoll il-kapaċità industrijali, inkluż għal kumpaniji u inizjattivi ta' Spazju Ġdid, SMEs, negozji ġodda u negozji li qed jespandu;
- C. fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-ispazju bħala faċilitatur" tat-28 ta' Mejju 2019³, ikkonfermati fid-disa' Kunsill tal-Ispazju, li jirrikonoxxu t-trasformazzjoni profonda li għaddejja minnha x-xena spazjali, li qed timmatura u tissawwar minn atturi ġodda, bħal pereżempju nazzjonijiet ġodda b'attivitajiet spazjali u b'mod partikolari minn atturi privati ġodda;
- D. fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-ispazju għal Ewropa sostenibbli" tal-4 ta' Ġunju 2020⁴, li jirrikonoxxu r-rwol kruċjali tal-ispazju għal tkabbir sostenibbli fit-tul, tranżizzjoni diġitali u tranżizzjoni ekoloġika;

¹ B'mod partikolari l-Artikoli 4(3) u 189.

² 9817/17.

³ 9713/19.

⁴ 8512/20.

- E. fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Orjentazzjonijiet dwar il-kontribut Ewropew fl-istabbiliment ta' prinċipji ewlenin għall-ekonomija spazjali globali" tal-20 ta' Novembru 2020⁵, ikkonfermati fl-għaxar Kunsill tal-Ispazju, li jenfasizzaw li s-settur spazjali Ewropew jippermetti lill-Ewropa tipparteċipa u tikkontribwixxi għat-tkabbir globali tal-ekonomija spazjali;
- F. fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Pjan ta' Azzjoni dwar sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża u spazjali" tat-22 ta' Frar 2021 li tenfasizza l-hteġa li tissaħħaħ il-komplementarjetà bejn il-programmi u l-istrumenti rilevanti tal-Unjoni biex tiżdied l-effiċjenza tal-investimenti u l-effettività tar-risultati;
- G. fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Spazju Ġdid għall-Persuni" tat-28 ta' Mejju 2021⁶, li jenfasizzaw l-importanza ta' Spazju Ġdid għal settur spazjali innovattiv, reżiljenti u kompetittiv tal-Unjoni, l-impatt tiegħu fuq l-ekonomija Ewropea u l-potenzjal tiegħu li jwieġeb għall-ħteġijiet taċ-ċittadini Ewropej, u b'hekk jistabbilixxu l-bażi għal approċċ Ewropew dwar Spazju Ġdid, u jappellaw lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali (EUSPA) biex irawmu, permezz ta' pjan ta' azzjoni, l-użu tas-servizzi spazjali;

I. Introduzzjoni

1. JAGĦRAF il-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-Programm Spazjali tal-Unjoni bis-saħħa tal-firxa ta' applikazzjonijiet tas-servizzi ta' Galileo u Copernicus; JINNOTA madankollu li l-kapaċitajiet industrijali tas-settur spazjali Ewropew mhumix imqassma b'mod uniformi; u JAGĦRAF li l-għadd ta' SMEs jikber aktar malajr fil-pajjiżi b'bażi industrijali spazjali stabbilita kbira milli f'pajjiżi b'bażi industrijali spazjali limitata jew assenti;

⁵ 12851/20.

⁶ 9163/21.

2. JIRRIKONOXXI li Spazju Ġdid qed jibdel il-mudelli kummerċjali industrijali fl-ekosistema spazjali b'effetti fuq il-kompetittività tal-industrija Ewropea; JAGĦRAF li Spazju Ġdid jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi ġodda u huwa ta' benefiċċju għal diversi setturi; u JINNOTA li l-iżvilupp ta' attivitajiet downstream iġib miegħu opportunitajiet kummerċjali ġodda fl-Istati Membri kollha;
3. JINNOTA li d-dinja għandha quddiemha bosta sfidi globali, bħat-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità, kwistjonijiet ta' sigurtà, u l-pandemija tal-Covid-19; u JENFASIZZA li l-ispazju jikkontribwixxi għall-miżuri ta' monitoraġġ u mitigazzjoni tagħhom u jtejjeb ir-reżiljenza u l-kapaċità tas-soċjetà li tirkupra mill-kriżijiet; JISSOTTOLINJA l-kapaċità innovattiva kbira ta' negozji ġodda, SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja; u JISĦAQ fuq il-ħtieġa li dawn jiġu inklużi aħjar fl-ekosistema spazjali Ewropea fit-taqsimiet upstream kif ukoll downstream, inkluż permezz ta' kooperazzjoni transfruntiera, biex iwieġbu għall-isfidi globali tas-settur spazjali;
4. JAGĦRAF li l-ispazju, permezz tad-data, is-servizzi u l-applikazzjonijiet tiegħu f'bosta setturi differenti bħall-mobbiltà, il-konnettività, l-agrikoltura, l-enerġija, il-finanzi, jew is-saħħa, jiffaċilita l-ħajja fis-seklu 21; u JISSOTTOLINJA li s-settur spazjali huwa wieħed mis-setturi li qed jikbru l-aktar malajr fl-Unjoni; iżda JINNOTA li t-tqassim tal-użu u l-benefiċċji tiegħu jista' jitjeb biex jintlaħqu ċ-ċittadini, l-istituzzjonijiet u l-kumpaniji kollha tal-Unjoni kif inhu xieraq;
5. JAGĦRAF li l-iżviluppi teknoloġiċi spazjali u l-użu innovattiv ta' data, servizzi u applikazzjonijiet spazjali huma ta' benefiċċju wkoll għas-sigurtà u d-difiża u jikkontribwixxu għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni filwaqt li jippreservaw ekonomija miftuħa;

II. L-approċċ Ewropew dwar Spazju Ġdid b'enfasi fuq ekosistema spazjali Ewropea diversifikata

6. JIRRIKONOXXI li l-ekosistema spazjali Ewropea hija diversifikata ħafna b'kapaċitajiet spazjali li jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor; JAGĦRAF li minħabba l-bidliet fis-settur spazjali kkawżati minn Spazju Ġdid, anki l-Istati Membri b'kapaċitajiet spazjali emerġenti jista' jkollhom il-kapaċità li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' teknoloġiji u applikazzjonijiet spazjali; JISĦAQ li, sabiex l-investimenti tal-Unjoni fis-settur spazjali jagħtu kemm jista' jkun benefiċċji, il-partijiet ikkonċernati kollha għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-opportunitajiet disponibbli, jipparteċipaw fl-iżvilupp tas-settur spazjali u tas-swieq transsettorjali;
7. JENFASIZZA n-natura attraenti tas-settur spazjali għal partijiet ikkonċernati differenti, minn integraturi tas-sistema kbar, negozji ġodda, SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, sad-dinja akkademika u l-istituzzjonijiet ta' riċerka, peress li t-teknoloġiji spazjali jservu bħala ġeneratur tal-iżvilupp u l-innovazzjoni; JINNOTA li l-iżvilupp storiku tas-settur spazjali, li wassal għall-pożizzjoni fuq quddiem tal-Ewropa fl-ispazju, irriżulta fil-konċentrazzjoni ta' attivitajiet f'oqsma speċifiċi tal-Unjoni; JAGĦRAF li huwa fl-interess tal-Unjoni li trawwem parteċipazzjoni aktar ekwa f'proġetti spazjali minn partijiet ikkonċernati differenti fl-Istati Membri kollha, ibbażata fuq l-għarfien espert tagħhom, li twassal għal tkabbir ibbilanċjat u tiżgura l-kompetittività tal-ekosistema spazjali; u JIRRIKONOXXI l-isforzi li saru mill-Istati Membri u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) f'dan ir-rigward;
8. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-ispazju għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni filwaqt li tinżamm ekonomija miftuħa; u JQIS li l-Unjoni għandha tkompli tappoġġa kapaċità awtonoma, sigura u kosteffiċjenti ta' aċċess għall-ispazju f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri tagħha u mal-ESA b'mod partikolari bl-użu ta' servizzi tal-illanċjar Ewropej għall-programm spazjali tal-Unjoni u b'hekk tikkontribwixxi biex il-katina tal-valur tibqa' primarjament fl-Unjoni;

9. JISĦAQ fuq l-importanza li titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tan-negozji ġodda, l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja tal-Unjoni kif ukoll l-organizzazzjonijiet ta' riċerka fl-iżvilupp ta' attivitajiet ġodda;
10. JILQA' l-inizjattiva CASSINI, bil-Faċilità ta' Finanzjament taż-Żrieragħ u t-Tkabbir CASSINI taħt InvestEU, li għandha tiffaċilita l-aċċess għal kapital ta' riskju, tappoġġa l-iżvilupp tan-negozji u taċċellera t-tkabbir tal-kumpaniji; JISĦAQ fuq l-importanza tal-isforzi tal-Kummissjoni u tal-EUSPA, permezz ta' CASSINI, biex jiżdied l-għadd ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu li jirnexxu fis-settur spazjali fl-Istati Membri kollha, li jikkummerċjalizzaw it-teknoloġiji u s-servizzi spazjali u b'hekk jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' ekosistema Ewropea ta' Spazju Ġdid biex titrawwem l-intraprenditorija; u JENFASIZZA l-ħtieġa għal approċċ koordinat mal-attivitajiet li jkunu għaddejjin tal-ESA li jsegwu l-istess objettiv;
11. JENFASIZZA l-importanza li jiġu żviluppati ekosistemi industrijali tajbin u li jitrawmu l-ħiliet fl-Istati Membri f'kollaborazzjoni ma' riċerka eċċellenti, billi jsir l-aktar użu possibbli ta' skemi differenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-iżvilupp bħall-Fond Soċjali Ewropew, NextGenEU, u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

III Lejn Unjoni ekoloġika u sostenibbli u t-tranżizzjoni diġitali, bl-inklużjoni wkoll taċ-ċibersigurtà

12. JIRRIKONOXXI r-rwol importanti li l-ispazju qed jaqdi biex juri l-iskala tat-tibdil fil-klima u l-urġenza tal-azzjoni biex jittaffew l-impatti negattivi tiegħu; u JENFASIZZA l-ħtieġa kontinwa ta' monitoraġġ mill-qrib tal-istat tal-klima u tal-bijodiversità u li jintużaw it-teknoloġiji spazjali u s-servizzi downstream eżistenti kollha biex tkun tista' ssir it-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-Unjoni; u JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġu żviluppati u jintużaw applikazzjonijiet, servizzi u data spazjali f'kooperazzjoni mill-qrib mal-utenti finali, il-partijiet ikkonċernati u l-industrija spazjali fl-Istati Membri kollha;

13. JENFASIZZA li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza flimkien mal-Fondi għall-Koeżjoni u għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali jistgħu jintużaw biex jappoġġaw l-iżvilupp tas-settur spazjali fl-Istati Membri peress li l-infrastrutturi, id-data, is-servizzi u l-applikazzjonijiet spazjali jikkontribwixxu għall-kisba tat-tliet kriterji l-kbar kollha tal-eliġibbiltà: azzjoni għall-klima, ekonomija b'livell baxx ta' karbonju u mobbiltà intelliġenti;
14. JENFASIZZA l-ħtieġa għall-integrazzjoni ta' għarfien espert eżistenti u ġdid f'oqsma differenti ta' teknoloġija fixkiela emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji quantum, ir-robotika u l-blockchain, tul il-katina tal-valur spazjali, sabiex jinkiseb l-ikbar gwadann possibbli fil-valur għas-soċjetà u għan-negozji;
15. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tesplora l-għażliet għall-iżvilupp tas-sistema tal-Unjoni ta' komunikazzjoni sigura globali bbażata fl-ispazju li tuża l-kapaċitajiet eżistenti u futuri f' ħdan il-komponent GOVSATCOM, b'rispett sħiħ għall-baġit tal-programm spazjali tal-Unjoni u l-implimentazzjoni tal-komponenti eżistenti tal-programm spazjali tal-Unjoni;
16. JISĦAQ fuq l-importanza tal-implimentazzjoni b'suċċess ta' Copernicus u tal-kisba tat-tlestija fil-ħin tal-kapaċità operattiva sħiħa ta' Galileo;
17. JINNOTA li l-iżviluppi fis-settur spazjali, inkluż Spazju Ġdid, jistgħu jikkontribwixxu bil-kbir għall-iżvilupp ta' teknoloġija tal-ogħla livell meħtieġa għaċ-ċibersigurtà fl-Unjoni u li l-użu sinerġetiku tal-komponenti tal-programm spazjali tal-Unjoni u inizjattivi oħra bħall-EuroQCI jista' jkun ta' benefiċċju għall-infrastruttura kritika tal-Istati Membri; u JINNOTA l-importanza tal-komponent tal-Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju, inkluż is-Sorveljanza u l-Insewiment fl-Ispazju, fil-protezzjoni tal-infrastruttura spazjali eżistenti;

18. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi żgurat l-użu sostenibbli tal-ispazju ekstrasferiku, filwaqt li jitqies l-għadd dejjem jikber ta' nazzjonijiet li jwettqu attivitajiet spazjali u atturi ġodda tas-settur spazjali u l-implimentazzjoni tal-linji gwida tal-UNCOPUOS dwar l-Użu Sostenibbli fit-Tul tal-Ispazju Ekstrasferiku; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li titkompla d-diskussjoni dwar l-iżvilupp tal-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju ("Space Traffic Management - STM"), u li jittieħdu azzjonijiet għalih, fil-livell politiku, legali kif ukoll tekniku; u JINNOTA r-rwol tat-talbiet ta' riċerka u innovazzjoni mmirati ta' Orizzont Ewropa lill-STM u l-potenzjal ta' swieq ġodda għall-innovazzjonijiet biex jiġi żgurat l-użu sostenibbli tal-ispazju ekstrasferiku;

IV. Azzjonijiet ta' prijorità

19. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, lill-EUSPA u lill-Istati Membri biex jaħdmu fuq it-tishiġ tar-rabtiet bejn is-settur spazjali u dak mhux spazjali, sabiex jiġi enfasizzat ir-rwol tat-teknoloġiji, is-servizzi u d-data spazjali fit-tweġibiet għal ħtiġijiet ta' politika differenti u jiġu pprovduti l-opportunitajiet għall-iżvilupp konġunt tal-ekosistemi spazjali fl-Istati Membri kollha li huma interessati fi żvilupp bħal dan;
20. ITENNI l-ħtieġa ta' appoġġ lil Spazju Ġdid u r-rwol tiegħu fl-ekosistema spazjali tal-Unjoni, bit-tehdid ta' approċċ dwar Spazju Ġdid kif imfisser fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Spazju Ġdid għall-Persuni", u l-azzjonijiet ta' prijorità msemmija fihom;
21. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-EUSPA biex jappoġġaw soluzzjonijiet prammatiċi biex jitrawwem l-iżvilupp ta' ekosistemi spazjali fl-Istati Membri bl-użu ta' politiki u programmi eżistenti fil-qasam tal-ispazju, bħal CASSINI jew Orizzont Ewropa, u biex jissaħħu s-sinerġiji pereżempju mal-Fond Ewropew għad-Difiża, il-Programm Ewropa Diġitali u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni;

22. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-EUSPA biex jintensifikaw il-kooperazzjoni mal-Istati Membri permezz ta' attivitajiet differenti u l-promozzjoni tal-programm spazjali tal-Unjoni; JINNOTA li hija meħtieġa sensibilizzazzjoni fl-Istati Membri dwar l-għodod ta' finanzjament eżistenti kollha tal-Unjoni li huma disponibbli għall-finanzjament ta' proġetti bbażati fl-ispazju, eż. Orizzont Ewropa, fondi ta' Żvilupp Reġjonali u ta' Koeżjoni, InvestEU, Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, aċċess għal finanzjament ta' riskju, u sħubijiet għall-innovazzjoni permezz ta' finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investment; u JINNOTA li l-appoġġ lill-Istati Membri huwa wkoll ta' għajnuna għall-integrazzjoni ta' teknoloġiji, data u servizzi spazjali fil-politiki industrijali nazzjonali, il-Programmi Operattivi Nazzjonali u l-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza;
23. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tindirizza kwistjonijiet regolatorji u ta' standardizzazzjoni rilevanti sabiex tiżgura l-użu tas-servizzi spazjali tal-Unjoni, tiegħu azzjonijiet xierqa u, fejn ikun possibbli, tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jgħolqu qafas legali favorevoli għall-użu ta' data u servizzi spazjali Ewropej; u JISTIEDEN lill-EUSPA biex, fil-limiti tal-kompetenza tagħha, tappoġġa lill-Kummissjoni fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni u ċertifikazzjoni.